**126. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi :**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordni Permanenti tal-Kamra u minkejja kull mozzjoni ta' proċedura approvata minn din il-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura għal kumplament tad-diskussjoni dwar il-Mozzjoni Nru 76 preżentata mill-Kap tal-Oppożizzjoni fit-2 ta' Ottubru 1997:

(a) Illi d-diskussjoni fuq il-Mozzjoni Nru 76 titkompla fis-seduta ta' nhar il-Ħamis 2 ta' April 1998.

(b) Illi, mingħajr preġudizzju għal dak li jintqal fil-paragrafu (ċ) hawn taħt, dik is-seduta għandha tibda fis-6.00pm u tispiċċa fid-9.30pm u d-diskussjoni tal-Mozzjoni għandha tibda fis-6.30 immedjatament wara li jintemm il-ħin tal-mistoqsijiet u tispiċċa fid-9.30 pm, mingħajr ma jittieħed 1-aġġornament.

(c) Illi kull ħin meħud għal sospensjoni tad-diskussjoni għandu jiżdied mal-ħin tas-seduta b'mod li l-ħin għad-diskussjoni ma jkunx għal inqas minn tliet sigħat.

(d) Illi l-ħin kollu għad-diskussjoni għandu jinqasam bejn il-kelliema tal-Oppożizzjoni u l-kelliema tal-Gvern, bl-gheluq (*winding up*) għall-Oppożizzjoni.

(e) Illi 1-votazzjonijiet kollha li jintalbu għat-tenur tal-Ordni Permanenti Nru 83, għandhom jitħallew għall-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta, billi l-ewwel votazzjoni tittieħed għoxrin minuta wara li tintalab u kull votazzjoni oħra tittieħed immedjatament wara 1-ewwel votazzjoni.

23.03.1998